# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 6**

**Rikors numru 582/15 LSO**

**Nutar Dottor Michael sive Michel Dingli**

**v.**

**Avukat Dottor Kevin Francis Dingli; u Avukat Dottor Anthony sive Tonio Grech; u Avukat Dottor Carmelo sive Carmel Chircop; f'isimhom proprju u bhala membri ta' Dingli & Dingli Law Firm; u b'digriet tas-7 ta' April 2016 l-atti gew legittimati f'isem ta' Mary Rose Chircop u Kendrick Chircop stante l-mewt ta' Dr. Carmelo Chircop fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huwa appell ad istanza tal-attur in-Nutar Dottor Michael sive Michel Dingli mis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2018 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

*"tirrevokaha in kwantu laqgħet ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimati, u parzjalment laqgħet is-seba' eċċezzjoni tal-intimati, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u parzjalment tas-seba' eċċezzjoni tal-intimati, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent, u jitlob li minflok l-istess talbiet tar-rikorrent jiġu akkolti, filwaqt li jiġu miċħuda t-tieni, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet tal-intimati, filwaqt li tiġi kkonfermata ċ-ċaħda tat-tielet eċċezzjoni tal-intimati. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati."*

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qiegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors guramentat tal-attur in-Nutar Dottor Michael *sive* Michel Dingli datat 15 ta' Gunju 2015 fejn ikkonferma:-

**<u>"RAGUNI TAT-TALBA</u>**

"Illi l-attur ilu jifforma parti b'access liberu u pussess tal-ufficini ta' *"Dingli & Dingli Law Firm"* u b'dak kollu hemm kontenut, ghal snin twal;

"Illi fil-15 ta' Mejju 2015 l-attur gie mkecci minn dawn l-ufficini kif konfermat fis-16 ta' Mejju 2015, u fit-18 ta' Mejju 2015 l-attur gie sahansitra mhedded sabiex ma jersaqx aktar lejn dawk l-ufficini ta' *"Dingli & Dingli Law Firm"* u cioe` l-hames appartamenti u cioe` erba' appartamenti kontigwi kollha fuq l-istess tieni sular mil-livell tat-triq u interkonessi li qeghdin kollha Triq Nofsinhar il-Belt Valletta u li huma principalment accessibbli minn dak internament markat bin-numru tnejn (2) fil-blokk bin-numru tmintax (principalment accessibbli ghax il-*burglar alarm* hemm qieghda u minn hemm jidhol u johrog kulhadd) bit-tliet appartamenti kontigwi l-ohra jkunu dak numru tnejn (2) fit-tieni sular mil-livell fil-blokka ta' appartamenti bl-entratura bin-numru tlettax (13) fi Triq Nofsinhar, Valletta, dak l-appartament li jikkomprendi z-zewg appartamenti internament markati bin-numru wiehed ittra A (1a) u bin-numru wiehed ittra B (1b) fit-tieni sular mil-livell tat-triq fil-blokka ta' appartamenti bl-entratura bin-numru hmistax (15), fi Triq Nofsinhar il-Belt Valletta, u dak l-appartament numru tnejn (2) fit-tieni sular mil-livell tat-triq fil-blokka ta' appartamenti bl-entratura fin-numru wiehed u ghoxrin (21) f'South Street Valletta; apparti l-appartament numru wiehed (1) fl-ewwel sular mil-livell tat-triq fil-blokka ta' appartamenti bl-entratura fin-numru wiehed u ghoxrin (21) fi Triq Nofsinhar il-Belt Valletta, liema appartament ghandu ukoll access dirett ghal fuq Triq Nofsinhar minn barra mill-partijiet komuni; fil-kmamar tal-bejt tal-blokk bin-numru 18 f' South Street Valletta fejn id-ditta zzomm xi dokumenti, *files* u oggetti ohra; u fl-ufficcju bin-numru 20, office 5, Triq ir-

Repubblika, Valletta, fejn id-ditta zzomm xi dokumenti, *files* u oggetti ohra;

“Illi l-konvenuti taw *portable hard drive* lill-Avukat Mizzi sabiex din tinghata lill-attur liema *portable hard drive* apparentament kienet tikkontjeni dik id-data purament nutarili tal-attur u l-attur ma hux f’pozizzjoni jikkonferma l-interita u genwinita tal-kontenut taghha;

“Illi fit-23 ta' Mejju 2015, l-attur inghata access limitat ghall-parti mill-ufficcju minnu gja okkupat u huwa ha l-pussess ta' xi atti tieghu, registri tieghu u dawk tan-Nutara li taghhom l-attur huwa konservatur fosthom tan-Nutar FX Dingli u xi oggetti personali li kienu jinsabu fuq l-iskrivanija minnu gia okkupata u dan fil-prezenza tal-konvenuti, izda l-attur ma inghata l-ebda access liberu u pussess ghal bqija tal-ufficini u l-kontenut taghhom, anzi gie mcahhad ghal tali access u pussess u ma jistax jaccedi aktar ghal dawn l-ufficini u l-kontenut taghhom liema access u pussess huwa kien igawdi sa ftit granet qabel;

“Illi dan kollu sar minghajr il-kunsens tal-attur u dan l-agir tal-konvenuti jammonta ghall-spoll ricenti u privelleggjat;

“Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

**<u>“TALBIET</u>**

“Illi jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarrazzjoni ohra necessarja u opportuna:

“1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti kif fuq spjegat jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tal-attur;

“2. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, jirrintegraw lill-attur fil-pussess u jew detenzjoni billi jaghmlu dawk ix-xoghlijiet jew azzjonijiet kollha necessarji illi jigu ordnati mill-istess Qorti;

“3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel u jwettaq ix-xoghlijiet ordnati mill-Qorti, b'dan illi l-ispejjez relattivi jibqghu a kariku tal-konvenuti u pagabbli lill-istess attur;

“B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

“Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti, inkluz dawk tal-madat ta’ deskrizzjoni ppezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat.

“Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta’ Lulju 2015.

“Rat ir-risposta tal-intimati kollha in kontestazzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti datata 8 ta’ Lulju 2015 (fol 16) fejn bil-gurament l-Avukat Kevin Francis Dingli (K.I. 664359M) kkonferma:

“1. Preliminarjament, in-nullita' tar-rikors guramentat *stante* illi t-talbiet attrici mhumiex cari u ma jispecifikawx minn xiex allegatament l-attur gie spoljat. It-talbiet attrici, bir-rispett kollu, huma biss firxa ta' xibka sabiex forsi tinqabad xi raguni ta' spoll.

“2. Illi bla pregudizzju ghall-premess u, subordinatament ghall-istess ghax it-talbiet attrici mhumiex cari, certament illi din il-Qorti ma tista' qatt tirreintegra lill-attur bhala nutar (ufficjal pubbliku) f’ufficcju legali format minn avukati, ghax tali ordni tkun illegali. Il-kawza hija f’dan is-sens ghalhekk ibbazata fuq *causa* illecita.

“3. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici, mifhuma, mill-ahjar li jista' jkun, bl-aktar mod ampju taghhom, in kwantu huma diretti kontra l-intimati "bhala membri ta' Dingli & Dingli Law Firm" huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes u dan *stante* li "Dingli & Dingli Law Firm", bhala tali, ma tista' qatt taghmel xi haga li biha tispolja lil xi hadd billi, minnu innifsu, att spoljattiv jista' jigi kommess biss minn persuni fizici u mhux minn persuni legali.

“4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-istess talbiet attrici, mifhuma hawn ukoll mill-ahjar li jista' jkun, bl-aktar mod ampju taghhom, in kwantu, din id-darba huma diretti kontra l-esponenti personalment, ghandhom ukoll jigu rigettati bl-ispejjes kontra l-attur. L-esponenti, fil-kapacita` taghhom personali, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li personalment huma ma ghamlu xejn li permezz tieghu jista' jigi vantat l-att li bih l-attur seta' gie spoljat minn xi haga. Fil-fatt in kwantu l-istess talbiet huma diretti kontra it-tlett avukati fil-kapacita' taghhom personali, anke minn qari tal-istess rikors guramentat, johrog bic-car illi huma ma ghamlu xejn li jista' jekwivali, legalment, ghal xi att spoljattiv. Illi kif gie dejjem ritenut fil-gurisprudenza nostrana, sabiex azzjoni ta' spoll tista' tissussisti jridu jigu sodisfatti tlett elementi kumulattivi u cioe` [1] il-pussess *da parte* tal-attur *(possidesse),* [2] illi l-azzjoni spoljattiva li tkun saret tkun grat bil-mohbi jew kontra l-volonta tal-attur *(spoljatumfuisse),* u [3] illi l-azzjoni tkun giet ezercitata fi zmien xahrejn mill-allegat att spoljattiv *(infra bimestre deduxisse).* Fil-fatt meta wiehed japplika dawn it-tlett elementi ghall-kaz in kwistjoni jsib li potenzjalment jista' jigi konsidrat sodisfatt l-ahhar element *stante* li l-attur ezercita l-azzjoni tieghu fi zmien xahrejn minn meta waqaf jattendi fl-ufficcju. Iz-zewg elementi l-ohra ma jissusistux.

“5. Jigi, pero` sottolineat partikolarment illi l-element importanti (u forsi l-aktar importanti) u cioe` li l-esponenti ghamlu li ghamlu bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur assolutament ma tezistix - bizzejjed wiehed jaghmel riferenza, f’ dan ir-rigward ukoll partikolarment ghall-ahhar parti tal-paragrafu 14, paragrafi 16 u 18,

fost ohrajn tal-att promotur innifsu. Meta telaq mill-ufficcju l-attur, telaq bl-intendiment bejn il-partijiet li huwa ma kienx ser jerga' jirritorna. Isegwi ghalhekk illi l-elementi necessarji ghas-success ta' kawza ta' spoll ma jezistux u l-esponenti ma spoljawx lill-attur minn xejn.

“6. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-premess, kwalunkwe pussess li seta' kellu l-attur kien marbut u kondizzjonat mar-relazzjoni lavorattiva illi kienet tezisti bejn il-partijiet, liema relazzjoni intemmet fil-15 ta' Mejju 2015 u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jissussistu u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes. Jigi rilevat illi l-attur, bhal kull persuna ohra li tahdem u taghmel parti mill-ufficcju "Dingli & Dingli Law Firm", kellu biss uzu ta' l-ufficcju. Dan l-uzu ma kienx esklussiv ghalih. Certament l-attur qatt ma kellu pussess tal-ambjenti tal-imsemmi ufficcju *stante* li tali pussess huwa ta' "Dingli & Dingli Law Firm". Ghaldaqstant ir-rekwizit tal-pussess rikjest mil-ligi ma jissussistix.

“7. Illi bla pregudizzju ghall-premess u biex possibilment tigi koperta via ohra tal-azzjoni attrici, fl-eventwalita` ghax kif inghad, fl-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici mhumiex cari, illi r-rikorrent qed jallega li gie spoljat minn xi sehem mill-*partnership* "Dingli & Dingli Law Firm", l-azzjoni attrici ma tistax treggi. II-kuncett legali ta' spoll huwa marbut ma' spoll ta' hwejjeg u ghaldaqstant ma jinkwadrax ruhu fil-kaz in kwistjoni. Spoll minn xi sehem f' persuna legali ma tezistix f'ghajnejn il-ligi. Jerga' jigi enfazizzat illi meta l-attur mar u garr l-affarijiet tieghu mill-ufficcju ta' "Dingli & Dingli Law Firm", attwalment, huwa ha l-*files* notarili kollha, kemm fizici kif ukoll elettronici, mill-ufficcju ta' "Dingli & Dingli Law Firm". Prrezentement li baqa' fl-istess ufficcju huwa kollox propjeta' ta' "Dingli & Dingli Law Firm". *In tutta* kjarezza ghandu jigi notat ukoll illi l-attur, bhala nutar, u ghalhekk ufficjal pubbliku, la kien, la hu u lanqas jista' jkun imsieheb (*partner*) ma' l-intimati, li huwa grupp ta' avukati. Huwa prekluz ghall-attur li jkollu pretensjoni legali ta' shubija (*partnership*) ma' avukati.

“8. Ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

“9. Salv kontestazzjoni ulterjuri skont il-ligi

“Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-Tlieta 29 ta’ Settembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Id-difensuri tal-partijiet trattaw l-ewwel eccezzjoni, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni. Il-kawza giet differita ghall-sentenza *in parte* ghas-26 ta’ Novembru 2015 fid-9:30a.m.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 26 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr John Victor Mizzi u Dr Joseph Schembri ghall-konvenuti, Dr Tonio Grech prezenti fl-Awla. Inqrat sentenza *in parte* fejn il-Qorti ddecediet :

*""Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti,* ***taqta' u tiddeciedi****, billi tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata u tordna l-prosegwiment tal-kawza.""*

"Il-Qorti talbet lid-difensur tar-rikorrent sabiex jispecifika fiex bhala ambjenti fizici qed jitlob li jigi reintegrat fl-istess pussess ir-rikorrent. Dr John V Mizzi specifika li inkwantu l-ufficini okkupati minn Dingli & Dingli Law Firm. Il-kawza giet differita ghall-provi 'viva voce' tal-attur ghall-11 ta' Frar 2016 f'12:40p.m.

"Rat ir-rikors tan-Nutar Dottor Michael *sive* Michel Dingli datat 15 ta' Marzu 2016 a fol 94 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna t-trasfuzzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta' Mary Rose Chircop (ID 677558M) u ta' Kendrick Chircop (ID 163993M) sabiex tissokta l-kawza minflok il-parti l-mejta l-imsemmi konvenut Avukat Dottor Carmelo *sive* Carmel Chircop, u dan taht kull provvediment opportun li joghgobha tordna din il-Qorti; u l-Qorti, wara li rat ir-risposta, laqghet it-talba u ordnat li l-atti jigu legittimati f' isem Mary Rose Chircop u Kendrick Chircop ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ordnat il-korrezzjonijiet kollha mehtiega; dan kif jidher bid-digriet moghti fis-7 ta' April 2016 a fol 103 tal-process.

"Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tan-Nutar Dottor Michael *sive* Michel Dingli (ID 287362M) datata 30 ta' Jannar 2018 a fol 286 tal-process.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati kollha in kontestazzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti datata 13 ta' April 2018 a fol 313 tal-process.

"Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 26 ta' April 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li qed jirrimettu ruhhom ghan-noti ta' sottomissjonijiet taghhom u ghal provi esebiti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2018 fid-9:30a.m.

"Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## "II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

"Illi din hija azzjoni ta' spoll privileggjat fejn ir-rikorrent qed jallega li gie spussessat mill-access u l-godiment li kellu fl-ufficini ta' *Dingli & Dingli Law firm* fejn kien jahdem flimkien mal-intimati. L-intimati laqghu preliminarjament billi qalu li r-rikorrent ma jistax jigi reintegrat bhala nutar fl-ufficju legali format minn avukati, ghax tali ordni tkun illegali; kif ukoll billi att spoljattiv jista' jsir minn persuni fizici mhux minn persuni legali b'hekk it-talbiet in kwantu indirizzati lejn id-ditta huma infondati. Fil-mertu, gie eccepit, li ma sar xejn mill-intimati personalment li jista' jekwivali legalment ghal xi att spoljattiv. *Di piu`*, gie eccepit, li l-ispoll vjolenti u klandestin ma jezistix, u kwalunkwe pussess li kellu r-rikorrent kien marbut mar-relazzjoni lavorattiva li

kellu, li ntemmet fil-15 ta' Mejju 2015, ghalhekk ma jissussistux l-elementi ta' l-ispoll. Inoltre`, gie eccepit, li spoll hu marbut ma' spoll ta' hwejjeg, mhux kif qed jallega r-rikorrent li qed jallega li gie spoljat minn sehem mill-*partners*hip ta' *Dingli & Dingli Law firm*.

**"Fatti:**

"Jirrizulta li originarjament ir-rikorrent kien sieheb fid-ditta legali Dingli & Dingli Law Firm. Minhabba diversi fatturi, fl-2011, inqala' dizgwid mar-rikorrent, fejn hu kien telaq mill-ufficju ghal zmien temporanju u rega' gie ammess jahdem hemm bhala Nutar izda mhux bhala sieheb, kif kien jidher mis-sit web tal-istess Ditta Legali. Jirrizulta li fl-2015, wara li rega' kien hemm kunflitti mar-rikorrent, Dr. Kevin Dingli, wiehed mill-intimati, baghatlu *sms* li gie esebit fil-process a fol 142, fejn infurmah li l-impjieg tieghu mad-ditta gie terminat u li gew infurmati wkoll l-MFSA. In segwitu, b'intervent tal-avukat tar-rikorrent, kienet saret laqgha biex jiftehmu meta r-rikorrent jista' jmur sabiex jiehu l-oggetti li kellu fl-ufficju, u dan sar billi r-rikorrent ha dak mehtieg u dak appartenenti lilu. Izda, r-rikorrent qed jipprocedi bil-kaz in ezami, bl-ilment li hu gie spussessat mill-access, pussess u godiment li kellu tal-ufficini f'Dingli & Dingli Law Firm.

**"Provi:**

Xehed **Michel Dingli** permezz ta' affidavit li qal fl-1992 kien inghaqad mal-avukat Kevin Dingli fl-ufficju f'South Street, u meta kiber ix-xoghol, kien tkabbar l-ufficju u mis-sena 2001, kienu dahlu avukati ohrajn bhala siehba fid-Ditta Legali. Spjega li wara li fil-15 ta' Mejju 2015, huwa kien baghat *e-mail* lill-rapprezentant tal-MFSA, fejn kien informah li l-iskematika mibghuta flimkien ma' kwestjonarju mill-Avukati tad-Ditta kienet skorretta, l-Avukat Kevin Dingli kien infurmah li kemm-il darba dik l-*e-mail* kienet intbaghtet minnu,allura kien spicca minn dak l-ufficcju u b'*e-mail* ohra ftit sieghat wara l-Avukat Dingli infurmah li hu kellu jivvaka mill-ufficju dik il-gurnata stess. Xehed li kien hemm diskors goff mill-Avukat Tonio Grech li qallu li ma kienx parti mill-ufficju. Fil-fatt, in-Nutar ikkonferma li dakinhar tal-15 ta' Mejju kienet l-ahhar darba li dahal fl-ufficju. Qal li sa dak il-jum li gie spussessat, kellu l-pussess materjali ta' tali ufficini u semma li huwa sab ruhu barra minn dawn l-ufficini fejn kien ilu jahdem u li kien jifforma parti minnhom. Allega wkoll li gie mhedded biex ma jersaqx lejn l-ufficju mill-Avukat Dingli l-ghada waqt li kien ghaddej minn Triq in-Nofsinhar u dan fil-presenza tal-intimati l-ohra.

"Qal li wara ma ikkomunikax mal-intimati ghajr *tramite* l-avukat tieghu. Sussegwentement l-Avukat Mizzi inghata *portable hard drive* li kienet tikkontjeni *data files* notarili tieghu u f'gurnata miftehma, cioe`, l-23 ta' Mejju 2015 ha haddiema tal-garr fl-ufficcju ta' Dingli & Dingli biex igorru d-dokumenti nutarili tieghu u dokumenti marbuta mal-professjoni tieghu kif ukoll oggetti personali. Dakinhar ma kellux acess

liberu għall-ambjenti tad-Ditta għajr għall-access mill-bieb ta' barra tal-ufficju 18/2 South Street Valletta sal-ufficju li kien juża.

"Xehed li sa dakinhar li ġie spussessat kellu l-pussess materjali u miftuħ tal-ufficni ta' Dingli & Dingli u l-kontenut tagħhom għajr għal dawk l-oġġetti purament personali tan-nies li kienu involuti jew impjegati hemm.

"Xehdet **Charlotte Schembri** permezz ta' affidavit (fol 22) li qalet fit-18 ta' Mejju 2015 kienet miexja man-Nutar Dingli fi triq Nofsinhar il-Belt, meta kien hemm l-Avukat Kevin Dingli flimkien ma' avukati oħra, li beda jgħajjat man-Nutar u heddu biex ma jersqax iktar l-hemm.

**"Ersilia Camilleri** xehdet (fol 107-115)[1] u qalet li hi segretarja ma' Dingli & Dingli u ilha taħdem hemm 27 sena. Qalet li l-attur kien daħal bħala *partner* wara li daħlet hi 27 sena ilu, u xi ħames sinin ilu, kien hemm dizgwid u ma baqax soċju, u fil-*website* bdiet tarah jidher bħala Nutar. Qalet li għalhekk sussegwentement kien jagħmel xogħol ta' nutar u xi xogħol relatat ma' *shipping*. Semmiet li *files* kulħadd seta' jarahom, u f'xi drabi meta Dr. Kevin kien ikun imsiefer ġieli rreferiet għan-Nutar Michel Dingli. Mistoqsija dwar is-*safe* fl-ufficju qalet li ma tafx min għandu access għalih. Rigward iċ-*cheque book* qalet, li n-Nutar Michel Dingli ġieli ffirmaħ anke f'dawn l-aħħar ħames snin. Qalet li tiftakar li n-Nutar Michel Dingli kien għamel xahrejn ma jersaqx l-ufficju izda ma tiftakarx jekk kienx fl-2011. Qalet li ġieli rrikorrew għall-affarijiet ta' amministarzzjoni għand in-Nutar fl-assenza ta' Dr. Kevin u ta' Dr. Tonio, anke fl-2015.

**"Marie Clare Borg** xehdet (fol116-118)[2] u qalet li hi taħdem bħala segretarja ma' Dingli & Dingli, u ilha hemm għaxar snin. Qalet li n-Nutar Michel Dingli kien wieħed mis-superjuri tagħha u wieħed mill-*partners* sa dan l-aħħar meta ma baqax jattendi l-ufficju. Qalet li n-Nutar kellu ufficju tiegħu, izda sa fejn taf hi kien jidħol fil-postijiet l-oħra tal-ufficju wkoll. Qalet tiftakar li n-Nutar Michel Dingli assenta ruħu għal xi żmien mill-ufficju izda ma tafx tindika meta. Qalet, li *print outs*, *typing* u xogħol amministrattiv baqgħet tagħmel lin-Nutar Dingli.

**"Il-PL Josette Attard** xehdet (fol 119-122)[3] u qalet li hi Prokuratur Legali ma' Dingli & Dingli mill-1999. Qalet li n-Nutar Dingli kien soċju u nutar, izda mbagħad spiċċa minn soċju u baqa' jipprattika ta' Nutar biss. Kellu access għal kullimkien. Qalet li darba f'nofs Mejju 2015, kienet dieħla l-ufficju u ltaqgħet man-Nutar Michel Dingli u nfurmaha li m'għadux jaħdem magħhom u kienet ixxukjata. Dr Kevin Dingli ra lin-Nutar miexi ma' Charlotte Schembri u qallu biex ma jersaqx lejn l-uffiċcju.

[1] Seduta tad-19 ta' April 2016.
[2] Seduta tad-19 ta' April 2016.
[3] Seduta tad-19 ta' April 2016.

"In **kontro-ezami** xehdet li tiftakar li kien hemm zmien meta n-Nutar ma kienx jidhol fl-ufficcju snin qabel u meta dahal kien jahdem ta' Nutar.

**"Therese McKay** xehdet (fol 126-127)[4] u qalet li tahdem bhala segretarja ma' Dingli & Dingli u ilha tahdem hemm minn Lulju 2013, u kienet segretarja ma' Dr. Carmel Chircop, izda taf lil Dr. Michel Dingli, u kien jidhol kullimkien fl-ufficini ta' Dingli & Dingli.

**"Gabriella Dingli** xehdet (fol 128-131)[5] qalet li hi l-*accountant* ta' Dingli & Dingli u ilha f'din il-kariga mill-1995. Lil Michel Dingli tafu bhala Nutar.

**"Edith Sciberras** xehdet (fol 135-140)[6] li kienet tahdem ma' Dingli & Dingli mill-5 ta' Gunju 1995 sad-9 ta' Gunju 2016. Qalet li taf lil Michel Dingli bhala *partner* hemmhekk u kien imur fejn irid fl-ufficini, fis-sens li kellu access ghal kullimkien. Qalet li tiftakar li meta kien ikun hemm il-*meetings* l-ufficju kienu jiltaqghu Dr. Kevin, Dr. Tonio, Dr. Michel u Dr. Carmel Chircop. Access ghal-*internet banking* kellhom Dr. Tonio, Dr. Michel u Dr. Kevin.

**"In-Nutar Michel Dingli** xehed in ezami u **kontro-ezami** (fol 141a-j)[7] u qal li hu kien involut hafna f'Dingli & Dingli bhala nutar u anke f'affarijirt marittimi. Mistoqsi llum hu ghadux barra mill-ufficju, qal li iva. Meta mar darba l-ufficju gabar hwejgu u l-karti kollha tieghu u l-*frames* ta' nutar. Mistoqsi rigward, il-*computer* qal li dak ghadu l-ufficju, ghandu kopja tal-atti notarili li kien hemm fil-kompjuter izda mhijiex kopja kompleta. Qal li kellu pussess tal-ufficini daqs u flimkien mal-intimati. Qal li dakinhar tal-15 ta' Mejju kien l-ahhar gurnata li kien l-ufficju u rcieva messaggi ohrajn. Rega' afferma l-incident tat-18 ta' Mejju 2015 meta qal li Dr. Kevin Dingli heddu. Qal li hu ma jafx ghaliex Dr. Kevin Dingli kien baghatlu l-ewwel *sms*. Qal li meta dahal ma' Dingli & Dingli kien nutar, u nutar ghadu. Ikkonferma Dok MX1, *sms* mibghuta minn Dr Kevin Dingli.

**"In kontro-ezami** qal (fol 210-219)[8] qal li kien hu li qabbad lin-nies tal-garr. Qal li baqalu pataflun karti fl-ufficcju. Ma nghatawlux il-*files* kollha. Ma setax jghid jekk fadallux *files* li jiehu. Qal li l-*sms* li esebixxa kien l-ewwel li rcieva izda kien rcieva *e-mails.* Qal li rcieva messaggi fil-15 ta' Mejju 2015. Qal li qabel ikkomunika mal-MFSA ma kienx informa lill-intimati. L-Avukat Kevin Dingli kien imsiefer u bghatlu *e-mail* minn Ruma. Qal li kien hemm diskussjonijoet li kienu ilhom ghaddejjin fejn ta l-kelma lill-Avukat Dingli li ma kienx isib problema biex jahdem ta' Avukat hu wkoll jekk ikun hemm il-bzonn. Qal li f'kaz li Dingli & Dingli jiccaqalqu minn hemm, jekk jibqax isostni t-talba

[4] Seduta tat-2 ta' Gunju 2016.
[5] Seduta tat-2 ta' Gunju 2016.
[6] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2016.
[7] Seduta tat-8 ta' Novembru 2016.
[8] Seduta tat-12 ta' Jannar 2017.

tieghu, qal li hu t-talba tieghu hi li jigi reintegrati fil-proprjeta` mobbli u immobbli, ghalhekk jibqa' jsostni l-pretensjoni tieghu. Mistoqsi jafx li l-ufficju li kien ta' Dr. Chircop f'Republic Street, qed jintuza bhala arkivju qal li iva. Qal li fil-professjoni ta' nutar kien jinkorpora socjetajiet u jaghmel affarijiet ta' *due diligence* li ghandhom x'jaqsmu mal-professjoni ta' nutar.

"**Dr. Kevin Dingli** xehed (fol 214-219)[9] u qal li wara` interpellanza dwar qsim tal-profitti, esebixxa Dok KFD1, r-risposta, u proprju f'dan id-dokument jidher li m'ghad hemm l-ebda konnessjoni bejn l-avukat sottoskritt u n-Nutar Michel Dingli b'effett mill-15 ta' Mejju 2015. Esebixxa wkoll Dok KFD2, li juri l-ftehim lavorattiv li n-Nutar Dingli kellu mad-ditta legali gie tterminat. Spjega li kien sar diskors, li n-Nutar Dingli kellu jaqleb il-professjoni ghal dik ta' avukat. Semma li kien hemm dizgwid kbir fl-2011, peress li n-Nutar Dingli kien qabad ma' nies fl-ufficju u anke bikka lis-segretarji, u kellhom problemi dwar *processor* ta' struzzjonijiet mill-Bank, u anke mad-Dipartimenti, anke peress li dak iz-zmen in-Nutar Dingli kien ghaddej minn zmien hazin. Semma li kien f'April 2011 li Michel Dingli kien telaq 'il barra, izda sussegwentement kien rega' dahal wara li hadu parir minghand Deloitte anke ghal ragunijiet finanzjarji. Spjega li sussegwentement fl-2013, kien dahal bhala *partner* Dr. Carmel Chircop. Semma li kellhom relazzjoni ma' DG Fiduciary Ltd. li kienet taghmel xoghol ta' *accounting*, kien rega' sar kliem u qbil sabiex in-Nutar Dingli jaqleb ghal avukat. Spjega li meta hu kien imsiefer kien ircieva *e-mail* minghand Dr. Chircop li esebiha bhala Dok KFD6K. Sussegwentement qal li meta qal lin-Nutar Michel Dingli biex jitlaq mill-ufficcju, hu telaq. Mistoqsi n-Nutar Dingli kienx talab jiehu affarijiet qal, li le hu kien talab file u prokura minhabba xi klijenti tad-ditta.

"Hu xehed ulterjorment (fol 261-263)[10]u esebixxa Dok KFD7, kopja tad-*declaration for purpose of notification*, u Dok KFD8, fejn jidher li Michel Dingli baqa' bhala nutar.

"**Dr. Tonio Grech** xehed (fol 264-267)[11] u kkonferma li kien inqala dizgiwd fl-2011 man-Nutar Michel Dingli u kienu tkellmu u ltaqghu l-Excelsior, u wera x-xewqa li jerga' jidhol *partner* maghhom. Semma wkoll li kien hemm <u>*partnership agreement*</u> fejn kien hemm miktub li n-nutar kellu jibdel il-*warrant* ma' dak ta' avukat. Spjega li fil-15 ta' Mejju 2015 Dr. Kevin kien mar Ruma u fis-16 ta' Mejju 2015 baghat *sms* lin-nutar li hu esebixxa, u wara li ddiskutew is-sitwazzjoni kitbu lill-MFSA, u sussegwentement fuq talba ta' Dr. John Mizzi l-avukat ta' Dr. Michel, iltaqghu u ftehmu sabiex in-nutar jigi u jiehu l-*files* tieghu. Qal li meta n-Nutar gie biex ha l-affarijiet ma kien hemm l-ebda vjolenza jew klandestinita`.

---

[9] Seduta tat-12 ta' Jannar 2017.
[10] Seduta tas-6 ta' April 2017.
[11] Seduta tas-6 ta' April 2017.

"Hu xehed ulterjorment (fol 277-283)[12] u qal li ghal-laqghat kienu jattendu hu, Dr. Kevin, u Dr. Carmel Chircop u xi drabi n-Nutar Dingli. Qal li n-Nutar Dingli kien telaq l-ewwel darba fl-2011. Qal li bejn il-2011 sal-2015, in-Nutar baqa' bhala nutar, ma qalibx ghal avukat, u b'hekk ma setax jigi inkluz bhala *partner*. Inoltre` n-nutar kien jitlaq qabel il-hin ma jarax *e-mails* fil-*weekend*, u jaqbad man-nies, u semma li l-imgieba tieghu ma kinitx denja ta' *partner*. Qal li t-titulari tal-ufficju hu Dr. Kevin Dingli.

"**Dr. Lorna Mifsud Cachia** xehdet (fol 270-273)[13] qalet li ilha impjegata bhala *senior associate* mill-1 ta' Jannar 2007, u lin-Nutar Dingli kienet tarah kuljum. Rigward l-*e-mail* Dok LMC1 din kienet ikkupjata lill-*associates* l-ohra kollha, u l-*e-mail* kienet tghid li n-Nutar Michel Dingli kien ser jerga' jirritorna l-ufficju u li kull problema fil-kors tax-xoghol kellha tigi referuta lil Dr. Kevin Dingli. Semmiet li f'okkazjoni wahda, kienet semghet lin-Nutar Dingli jghid li Dr. Kevin Dingli kien ghamillu hafna hsara professjonali u li serqu u hi kienet marret tghid dan eventwalment lil Dr. Kevin. Semmiet ukoll, li Dr. Michel Dingli kien dejjem jitlaq qabilhom mill-ufficju anke wara l-*e-mail* Dok LMC1.

**"L-Eredi tal-Avukat Dr Carmel Chircop legittimati f'dawn l-atti b'Digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' April 2016.**

"Illi jirrizulta manifest li l-eredi imsemmija ma kienux involuti fil-vertenza fid-data tal-allegat att spoljattiv. Madanakollu d-Ditta Legali hija wkoll ccitata f'dawn il-proceduri u huma jitqiesu li dahhlu fid-drittijiet u fir-responsabbilitajiet tal-awtur taghhom, inkluz dawk naxxenti minn sehemu mid-Ditta u l-posizzjoni tieghu ta' socju.

"Ghalhekk in kwantu li l-mira tal-azzjoni ta' spoll hija r-reintegrazzjoni fil-pussess, ma jistghux jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju kif qed jippretendu, billi f'kaz li jigu akkolti t-talbiet tar-rikorrent, huma wkoll, bhala successuri fit-titlu tas-socju fid-Ditta, jkollhom iwettqu r-ripristinar mitlub.

**"<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

"Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**artikolu 535 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** L-azzjoni qed tigi esperita kontra persuni fizici kif ukoll kontrihom bhala membri ta' ditta professjonali.

"Illi l-principji generali li jsawru l-azzjoni ta' spoll privileggjat huma assodati fil-gurisprudenza taghna.

"Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa rispaut li l-element vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti.

[12] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2017.
[13] Seduta tat-23 ta' Mejju 2017.

*“(i) Possedisse*

*“(ii) Spoliatum fuisse*

*“(iii) Infra bimestre deduxisse*

“Illi dawn il-principji gew ribaditi f’ diversi sentenzi fosthom **“Margherita Fenech vs Pawlu Zammit”** (12-4-1958, Vol.XLII D.11.973); **“Caterina armla Galea vs Joseph Vella”** (23-6-1965 per Onor. Eduardo Magri) u f’ **“Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef”** (30-4-1991 JSP).

*“Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti jirrizulta li “materja ta’ din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi: “(a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll……… stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna.” (**“Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone” -** A.C. 9 ta’ Marzu 1992).* F’dan l-istess kaz, intqal ukoll li biex tirnexxi l-azzjoni ta’ spoll mhux mehtieg xi *animus spoliandi*.

“Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi “*din l-azzjoni ta’ spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta’ fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga’ jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss, kif ighid bl-iktar mod car l-artikolu 791(1) Kap 12, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.”*

“Illi f’dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u “*de facto”* tant li gie ritenut ukoll li:

*““Hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u ‘de facto’; ikun x’ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta’ proprjeta` jew ta’ servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi, hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni*. (**“Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier” –** (A.C. 12 ta’ Dicembru 1952); ghalkemm tali pussess m’ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta’ fatt **“Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna”** – (P.A. 21 ta’ Frar 1983) u **“Marthese Borg vs George Borg”** – (25 ta’ Frar 1983); u mhux wiehed ta’ mera tolleranza **“Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri” –** A.C. 26 ta’ Jannar 1996). Jinsab ukoll ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li “*All'attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione..”* (**Camilleri vs Agius** P.A. 20 ta’ Ottubru 1882)

“Illi fil-fatt, kull pussess huwa ammess, benche` ippruvat, huwa protett tant li f’din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-

possessuri *in mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**"Saverio Farrugia vs Eugenio Borg"** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

"Illi gie ritenut fil-kaz **"Delia vs Schembri",** P.A. – 4 ta' Frar 1958,

> *""L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess ikun x'ikun….. u gie deciz kemm-il darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet reali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata ikun ghamel ghad-dannu ta' terza persuna atti li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jesercitah minghajr l-intervent tal-Qorti."* (Ara wkoll **"Francis Grogan et vs Shawn Scerri et"**, P.A. deciza fit-2 ta' Dicembru 2004).""

"F'dan l-istess kaz, **Grogan et vs Scerri et,** inghad ukoll, li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll lanqas ma hu mehtieg li l-pussessur ikun privat mit-tgawdija tal-haga jew ostakolat b'mod determinant fl-uzu tal-haga; hu bizzejjed li jkun imfixkel fil-mod ta' kif igawdi dik il-haga.

"Dan l-istess principju gie enuncjat fil-kaz **"Mag. Peter Cordina vs Raymond Aquilina"**, Appell Kummercjali deciz 12 ta' Dicembru 1988:

> *""….sabiex tirnexxi l-azzjoni possessorja mhux mehtieg li l-attur ikun sofra privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet jew hsara lil min isofri l-ispoll.""*

"Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

> *""Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-pussessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att.""*

"Sabiex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll mhux mehtieg li sabiex dan ikun vjolenti, ikun hemm *vis atrox* jew *vie di fatto* imma bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu ta' min isofri l-ispoll. Ghalhekk, l-att spoljattiv irid ikun sar kontra l-kunsens tal-possessur. (Ara **"John Mifsud vs John Giordmaina et",** P.A. deciza fit-23 ta' April 2012).

"Fir-rigward tal-element ta' *'spoliatum fuisse',* gie ritenut ukoll li l-element spoljattiv mhux bilfors jissarraf f'ghemil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur, izda huwa bizzejjed li l-ghemil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih. (**Francis Tonna et vs Constantino Borg** P.A. - deciza fl-1 ta' April 2003).

“Hawnhekk, huwa relevanti l-kliem ta’ Pacifici Mazzoni, spoll vjolent huwa “*qualunque atto arbitrio che per forza privata si compia contro la volontarieta` dello spogliato.”* (Vol.III Sez. 52). “**Emanuel Falzon et vs Michael Vella et”,** P.A. deciz fl-10 ta’ Ottubru 2011.

**“Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami**, jirrizulta mis-suespost, li l-ewwel element rikjest ghal din l-azzjoni, huwa l-pussess. Illi l-pussess vantat mir-rikorrent hu l-pussess u d-detenzjoni tal-ambjenti fizici u immobiljari tal-ufficini tad-ditta. Il-pretensjoni tieghu f’dan il-kaz hija principalment ir-reintegrazzjoni fil-pussess ta’ dawn l-ambjenti fizici tal-ufficini u fil-mobbli. Illi meta fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2015, din il-Qorti talbet lid-difensur tar-rikorrent biex jispecifika f'hiex jikkonsistu l-ambjenti fizici li qed jitlob li jigi reintegrat fil-pussess taghhom, gie sottolineat, li qed jirreferi ghall-ufficini okkupati minn Dingli & Dingli Law Firm. (fol 82). Min-naha l-ohra, l-avukat difensur tal-intimati fis-seduta tat-2 ta’ Gunju 2016, ivverbalizza, li n-Nutar Michel Dingli meta kien ghadu jipprattika mill-ufficju ta’ Dingli & Dingli kellu d-dritt li jdur mal-kumditajiet kollha li jiffurmaw l-ufficju u kellu kamra mnejn jipprattika l-professjoni tieghu (fol 125). Illi dan jirrizulta kkorroborat bhala fatt mix-xhieda f'din il-kawza, fosthom is-segretarji kollha tad-ditta legali. Izda, bhala fatt, jirrizulta wkoll, li l-involviment tan-Nutar Michel Dingli fid-ditta legali Dingli & Dingli Law Firm gie tterminat. Ir-rikorrent stess ipprezenta kopja tal-*sms* li gie mibghut lilu fis-16 ta’ Mejju 2015 minn Dr. Kevin Dingli (fol 142 tal-process). Dr. Kevin Dingli fix-xhieda tieghu ikkonferma li kien baghat dan l-*sms* lir-rikorrent. L-*sms* jistipula li l-intimati kienu dakinhar stess tas-16 ta’ Mejju 2015 infurmaw lill-MFSA bit-terminazzjoni tal-impjieg tieghu mid-ditta legali.

“Skont l-*e-mail*, esebit ukoll bhala Dok KFD-6K (a fol 203) inghad "*If you really sent this e-mail after yesterday's discussions I want to have nothing further to do with you. For me you are finished."* Sussegwentement l-Avukat Dingli baghat *e-mail* iehor fejn kitiblu "*Clear out of my property."* Skont ix-xhieda tal-Avukat Dingli "*Il-proprjeta` tieghi hija kullimkien minnbarra number 13, l-appartament number 13 ghax dan kien ko-proprjeta` bejnu bejni u bejn Dr. Tonio Grech. Il-bqija tal-proprjeta` hija proprjeta` tieghi jew mikri ghandi."*

“Jirrizulta mix-xhieda u mid-dokumenti li n-Nutar Dingli ma kienx socju tad-Ditta Legali fiz-zmien tat-terminazzjoni. Aparti l-kwistjoni tal-legalita' *o meno* ta' socjeta' bejn Avukat u Nutar, jirrizulta minn Dok KFD-8 (fol224) u mill-kopja tal-informazzjoni fuq is-siti web tad-Ditta Legali (KFD-8 a fol 225) li l-attur certament ma kienx socju gja mid-9 ta' Mejju 2011 u baqa' jissemma biss bhala Nutar fid-ditta. Lanqas huwa mnizzel fil-lista tal-assocjati tad-Ditta Legali. Inghad ukoll, li l-isem tad-ditta kienet gja pre-ezistenti ghad-dhul tal-attur billi *Dingli & Dingli* kien jirreferi ghall-Avukat Kevin Dingli u ghall-missieru, il-mibki Prokuratur Legali Benedict Dingli. Jirrizulta, izda, li r-rikorrent kien involut f'diversi mansjonijiet ufficjali f'socjetajiet imwaqqfa fil-qasam tas-servizzi finanzjarji li ghandhom l-ufficini fl-istess ambjenti in mertu

u kien ukoll jircievu sehem mill-profitti. Mix-xhieda tal-Avukat Dingli jirrizulta li dawn is-socjetajiet ghandhom relazzjonijiet taht il-kappa ta' Dingli & Dingli Law Firm.

“Jirrizulta wkoll mill-assjem tal-provi, li l-avukat difensur tar-rikorrent, Dr. John Mizzi, kien ikkuntattja lill-intimati sussegwentement ghad-data tas-16 ta’ Mejju 2015, biex jiltaqghu u jiftehmu dwar kif ir-rikorrent ser jigbor l-affarijiet u l-ogetti tieghu mill-ufficju. Difatti, huwa kkonfermat mill-partijiet, minghajr l-ebda kontestazzjoni, li kienu ftehmu dwar dan u f’gurnata minnhom, ir-rikorrent kien mar l-ufficju sabiex jigbor l-affarijiet tieghu, kien ha n-nies tal-garr li garrewlu l-oggetti appartenenti lilu. Konsegwentement, ma jistax jinghad li r-rikorrent ma thalliex jaccedi fl-ufficini biex ikun jista’ jigbor hwejgu. Iktar sinifikanti, izda, huwa l-fatt li ma ghamel l-ebda tentattiv biex jidhol fl-ambjenti tad-Ditta biex jahdem wara s-16 ta' Mejju 2016. Effettivament telaq mill-ufficini fil-15 ta' Mejju 2016 u ma rritorna qatt ghajr biex jigbor hwejgu, professjonali u personali. Din il-kostatazzjoni li tirrizulta ppruvata hija pertinenti ghall-konsiderazzjoni tat-tieni element tal-azzjoni ta' spoll privileggjat - u cioe`, l-ezistenza *o meno* tal-att spoljatti.

**“Pussess jew Detenzjoni -**

“Illi l-ewwel element - il-pussess jew id-detenzjoni- jistabilixxi l-legitimazzjoni attiva ghall-fini ta' din l-azzjoni.

“Illi permezz tas-sitt eccezzjoni taghhom, l-intimati eccipew li kwalunkwe pussess li seta' kellu l-attur kien marbut u kondizzjonat mir-relazzjoni lavorattiva li kienet tezisti bejn il-partijiet, liema relazzjoni intemmet fil-15 ta' Mejju 2015. Jeccepixxu li kellu biss l-uzu tal-ufficcju u qatt ma kellu l-pussess tal-ambjenti tad-Ditta Legali fis-sens li trid il-Ligi ghall-fini ta' din l-azzjoni.

“Skont l-awturi **Torrente, Pescatore e Ruperto**[14]

> *“"La detenzione ha in comune col possesso il potere di fatto sulla cosa (corpus) ma ha diverso l'animus, che per il possessore consiste nel tener la cosa come propria, per l'esercizio delle facolta' corrispondenti a un diritto reale, mentre per il detentore e' costituito dalla intenzione di tenere la cosa a propria disposizione o nel proprio interesse, per l'esercizio di un proprio diritto (detenzione qualificata - ad ezempju l-kaz ta' inkwilin), ovvero nell'interesse altrui o per l'adempimento di un obbligo verso altri (detenzione non qualificata - ad ezempju mandatario)."”*

“Madanakollui, kif mahsub mill-awtur Andrea Torrente[15], "*Viene esclusa dalla tutela considerata quel tipo di detenzione che viene detta 'detenzione disinteressata'. Questa figura ricorre nel caso nel*

[14] *Codice Civile Annotato* p 1047
[15] *Manuale Di Diritto Privato* - Giuffre Ed. para 213 a fol 365

*quale una persona ha la detenzione per ragioni di servizio (per es. il domestico, ...) o per ragioni di ospitalita'..). Si e' esclusa la legitimazione di queste persone per la natura del fatto temporanea del loro rapporto che hanno con la cosa; se ne subiscono la privazione della detenzione agira' chi e' veramente interessato ..".*

"Illi l-intimati jishqu li l-okkupazzjoni tal-attur tal-ambjenti tad-Ditta Legali kienet marbuta mal-hajja lavorattiva tieghu f'dawk l-ambjenti. Jissottomettu li l-fatt stess, li hu mar jigbor l-oggetti tieghu bi ftehim mal-intimati, jimplika b'mod car, li hu kkonceda li r-relazzjoni lavorattiva tieghu qed tigi tterminata. Fid-dawl ta' dan, ma jiswiex li r-rikorrent kellu access u l-pussess tal-ufficini, precedentement ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu, ghaliex ladarba l-impjieg, jew ahjar, ir-relazzjoni lavorattiva giet itterminata, hu ma jistax jibqa' fil-pussess *sine qua non*. F'dan il-kuntest, taghmel sens l-ezempju analogu, li ssemma fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, ta' segretarja jew impjegat li jigi tterminat mill-impjieg tieghu, ma jistax jibqa' jivvanta l-pussess sussegwentement ghat-terminazzjoni tal-impjieg u ma' jistax jibqa' jivvanta d-dritt residwu li jibqa' jkollu access u pussess ghall-ambjenti tax-xoghol li kien jiffrekwenta.

"Illi dan kollu premess, jigi precizat li fil-fehma ta' din il-Qorti l-attur ma jistax jitqies bhala semplici impjegat tad-Ditta Legali in kwantu jezercita l-professjoni ta' Nutar mill-ufficini u bhala tali, huwa indipendenti u awtonomu fl-ezercizzju tar-responsabbilitajiet professjonali tieghu. Madanakollu din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-presenza tieghu fl-ufficini tad-Ditta Legali Dingli & Dingli kienet marbuta mal-istess Ditta in kwantu hu msemmi fuq is-sit web tad-ditta u x-xoghol u l-prestazzjonijiet tieghu huma marbutin u interkonnessi mal-funzjonament tad-Ditta u mal-immagni li tipprezenta d-Ditta lill-pubbliku. Tant hu hekk li huwa imsemmi fuq is-sit web u jaqdi d-Ditta bix-xoghol notarili tieghu.

"Huwa minnu li l-attur huwa wkoll ko-proprjetarju ta' wiehed mill-appartamenti mill-hamsa li jifformaw l-ambjenti lavorattivi tad-Ditta Legali Dingli & Dingli (l-appartament numru 13). Izda billi l-appartamenti huma kollha interkonnessi, tqies li l-presenza tieghu fl-ambjenti kollha hija kondizzjonata u soggetta ghall-funzjoni professjonali li kien iwettaq taht il-kappa tad-Ditta Legali.

"Ghaldaqstant, dan kollu premess tqies li l-element tal-pussess jew tad-detenzjoni rikjesti mil-ligi ma jissusistix in kwantu li d-detenzjoni tal-attur kienet wahda marbuta mal-hajja lavorattiva tieghu fid-Ditta li giet itterminata fil-15 ta' Mejju 2015 u accettata mill-istess rikorrent.

**"L-Att Spoljattiv- it-Tieni Element.**

"Madankollu, l-pern kollu tal-kaz in kwistjoni, anke *in vista* tal-eccezzjonijiet sollevati fil-mertu, hu li jrid jigi mistharreg jekk kienx hemm l-eghmil spoljattiv kif qed jigi allegat mir-rikorrent. Illi minn

analizi u stharrig tal-atti tal-kaz, ma jistax jigi identifikat l-att spoljattiv li r-rikorrent qed jallega li ssubixxa. L-*e-mail* mibghut mill-Avukat Dingli fejn jghidlu "*for me you are finished*" kif ukoll il-kliem "*Clear out of my property*" certament ma jikkwalifikawx bhala agir spoljattiv li materjalment jippriva lill-possessur mill-pussess jew detenzjoni tieghu. Ir-rikorrent sostna li Dr. Kevin Dingli heddu biex ma jersaqx izjed lejn l-ufficini . Dr. Kevin Dingli fix-xhieda tieghu, ikkonferma li kien qal dan il-kliem lir-rikorrent f'okkazjoni minnhom, u zied ighid li ma kienx soltu l-karattru tieghu li jaghmel hekk, izda ghax kien irrabbjat ghar-rikorrent. Jirrizulta li r-rikorrent lanqas kien sejjer biex jidhol lejn l-ufficju meta intqalu dawn il-kliem imma kien miexi lejn direzzjoni ohra. Izda, anke dan il-kliem *per se*, certament ma jammontax ghal agir vjolenti jew klandestin li jista' jammonta ghal spoll billi fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, l-attur ma jistax jitqies li gie spussessat materjalment minhabba fihom u lanqas intqalu meta kien ser jittenta jidhol fl-ufficini.

"Illi jirrizulta li kien hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex ir-rikorrent jigbor l-effetti kollha tieghu, professjonali u personali mill-ufficini, u hekk ghamel tant li ha n-nies tal-garr ghal dan l-iskop u kien hu li organizza l-garr. Ir-rikorrent kien evasiv meta gie mistoqsi jekk garrx l-affarijiet kollha tieghu mill-ufficini izda ma jirrizultax li minn dak iz-zmien identifika xi oggetti ohra lill-intimati. L-intimati, da parti taghhom, xehdu li ha kollox.

"Ghalhekk sewwa jargumentaw l-intimati li r-rikorrent telaq mill-ufficini u din il-Qorti ma tista' tidentifika l-ebda agir vjolenti jew klandestin da parti tal-intimati, li bih ir-rikorrent gie spoljat minhabba xi azzjoni fizika da parti tal-intimati. Hawnhekk, b'referenza ghal dak sostnut fil-hames eccezzjoni tal-intimati, jigi dedott, li huwa minnu li fl-istess rikors promotur, fl-24, is-16 u t-18 il-paragrafi, ir-rikorrent stess ikkonferma li hu mar biex jigbor l-affarijiet mill-ufficju bl-intendiment, li ma jergax jirritorna lura, tant li kkonferma fix-xhieda tieghu li anke gabar ic-certifikati fil-gwarnic ta' nutar. Illi ma jregix l-argument sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, li l-motiv u l-gustifikazzjoni ta' l-ispoljatur m'ghandhomx jigu kkunsidrati f'ghemil spoljattiv, ghaliex dak necessarju hu li jigi identifikat hu l-ghemil spoljattiv innifsu. *In vista*, tas-suespost, jigi dedott, li *nonostante* l-access u l-pussess tal-ufficini, kif vantat da parti tar-rikorrent precedentement ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu mill-fatti u mir-rizultanzi tal-kaz, ma jirrizultax li gie mnezza mill-pussess bl-ebda att spoljattiv. Ghalhekk, huwa manifestament car li l-element ta' *spoliatum fuisse* huwa karenti.

"Fil-kaz taht ezami, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar it-tielet element, konsistenti fit-terminu ta' xahrejn. Il-kaz odjern gie istitwit fil-15 ta' Gunju 2015, fi zmien xahar mit-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, u cioe` minn meta waqaf jattendi l-ufficju. Difatti, dan huwa msemmi fir-raba' eccezzjoni tal-intimati, tant mhuwiex fatt ikkontestat. Izda, sabiex azzjoni ta' spoll tirnexxi iridu jikkonkorru t-tlett elementi, li f'dan il-kaz ma jissusistux.

**“Ghaldaqstant, *in visto* ta' dan kollu premess ladarba t-tlett elementi kostituttivi ta’ din l-azzjoni ma jikkonkorrux, din il-Qorti ser tirrespingi t-talbiet tar-rikorrent u kwindi tilqa’ r-raba’ l-hames, is-sitt u s-seba’ eccezzjonijiet tal-intimati**.

**“Eccezzjonijiet Rimanenti Sollevati**

**“It-Tieni Eccezzjoni**

“Illi gew esebiti serje ta’ *e-mails*, korrispondenza u dokumenti sabiex juru li d-dizgwid ma’ Dr. Michel Dingli kien ilu sejjer mill-2011. Dok KFD3G - sa Dok KFD6M (fol 162-209). Difatti, gie kkonfermat fix-xhieda li r-rikorrent kien telaq mill-ufficju diga fl-2011, izda kien wera x-xewqa li jerga’ jidhol jahdem mad-ditta legali, u wara laqgha u tahdidiet mieghu, kien rega’ dahal jahdem mad-ditta. Izda, l-indagini tal-Qorti fil-kaz in materja hija limitata u skarna u l-Ligi taghna ma taghti ebda lok ghal ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta’ pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta’ spoll. Ghalhekk, fil-kaz in ezami, ix-xhieda kollha u d-dokumenti kollha f’dan ir-rigward mhumiex ta’ relevanza ghall-kaz in dizamina, specifikatament ghall-ezami tal-elementi rikjesti ghall-*actio spolii*. Riferibbilment ghat-tieni eccezzjoni, fejn gie sostnut, li l-kawza odjerna hija bbazata fuq *causa illecita stante*, li r-rikorrent bhala nutar ma jistax jigi reintegrat fl-ufficju legali format minn avukati, hija materja li ma timpingix fuq il-kaz ta’ spoll per se. Jirrizulta minn Dok KFD8 a fol 229 *et sequens*, jidher manifestament car lil Dr. Michel Dingli ma kienx socju fid-ditta legali, izda kien jahdem u jassisti fid-ditta legali bhala Nutar. Dan huwa wkoll fatt korrobrat fil-provi, fix-xhieda ta’ Ersilia Camilleri, li qalet wara li kien inqala’ d-dizgwid bejn l-intimati u r-rikorrent, hu ma baqax socju, izda, fil-*website* tad-ditta kien jidher biss bhala nutar. Din hija materja kompletament distinta mill-kaz odjern kif istitwit, li hu kaz ta’ spoll. Hija kwistjoni separata li tirrikjedi stharrig jekk huwiex ammissiblli li nutar ikun jifforma parti minn ditta ta’ avukati bhala socju flimkien maghhom. Izda, din il-kwistjoni certament ma timpingix fuq id-determinazzjoni jekk kienx hemm spoll u jekk jissussistux l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-*actio spolii*. L-istess intimati, fl-ghaxar paragrafu tan-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom sostnew li m’hemmx htiega ta’ pronunzjament dwar din l-eccezzjoni.

**“Ghaldaqstant, din il-Qorti mhijiex ser tindaga ulterjorment dwar din il-kwistjoni, kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tal-intimati.**

**“It-Tielet Eccezzjoni**

“B’referenza ghat-**tielet eccezzjoni**, qed issir il-kawza kontra l-intimati f’isimhom proprju u bhala membri ta’ Dingli & Dingli Law Firm. Illi huwa minnu li att spoljattiv jigi kommess minn persuni fizici, madankollu kif inhu bil-wisq pacifiku, l-azzjoni ta’ spoll hija esperibbli

kontra l-awtur ta’ l-ispoll kif ukoll kontra l-komplici tieghu fosthom il-mandanti li jkunu nkarigawh. (**Vol. XXXII P I p 451; Vol. XXVIII P I p 188**).

“Illi din il-Qorti tirreferi ghal dak ritenut fil-gurisprudenza fir-rigward ta' kumpannija:

> ““*Kull min jikkonkorri fil-kommissjoni ta’ l-illecitu kien azzjonabbli u dan personalment. Kien ghalhekk, li s-socjeta` kienet azzjonabbli tramite d-diretturi taghha jekk jigi ritenut li kienet konsapevoli ta’ dak li kellu jsehh u li fil-fatt sehh u allura kienet kompartecipi fl-att delittwuz. Kien ukoll azzjonabbli min effettivament iwettaq l-illecitu li, fl-ahjar ipotezi ghalih, seta’ biss jigi kkonsidrat bhala l-mandatarju li agixxa fl-interess tal-mandant espress jew tacitu li uzufruwixxa mill-att illecitu li ghalih l-istess mandatarju kellu jigi wkoll tenut personalment responsabbli.*" (Ara **Dimitry Orlov et vs Edward Pavia proprio et nomine**, Qorti tal-Appell deciza fl-14 ta’ Jannar 2002).””

“Illi fil-kaz odjern, l-intimati huma citati bhala membri ta' Ditta Legali li hija azzjonabbli tramite l-involviment dirett taghhom bhala socji.

“Ghalhekk, din l-eccezzjoni tal-intimati ma tregix. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimati.

**“Is-Seba' Eccezzjoni**

“Rigward is-seba’ eccezzjoni din qed tintlaqa’ limitatament fuq l-aspett li l-kuncett legali ta’ spoll ma jistax iregi, ghax hu marbut ma’ spoll ta’ hwejjeg u mhux spoll minn sehem ta’ “*partnership*”, kif allegat fir-rikors, kif ukoll li meta r-rikorrent mar biex igorr l-oggetti personali tieghu, hu nghata l-opportnita` li jiehu l-*files* kollha fizici u/jew elettronici. Rigward it-tieni aspett tas-seba’ eccezzjoni, kif diga enuncjat, din il-Qorti mhux ser tesprimi ruhha dwar il-fatt li r-rikorrent bhala nutar ma jistax ikun imsieheb ma’ grupp ta’ avukati, *stante* li din il-materja hija estranea ghall-vertenza in ezami li titratta biss l-*actio spolii*.

“<u>**III. KONKLUZJONI.**</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’** u **tiddeciedi** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni sollevata, u tichad is-seba' *eccezzjoni in parte* kif spjegat fis-sentenza, tiddisponi mill-eccezzjonijiet rimanenti tal-intimati billi tilqa' l-istess u tichad it-talbiet tar-rikorrent.

**“L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.”**

## <u>RIKORS TAL-APPELL konvenut (19.11.2018):</u>

3. Il-konvenut ħass ruħu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

4. Il-ħames aggravji tiegħu, konsistenti f'19-il paġna, in suċċint huma dawn:

**(i) <u>L-ewwel Qorti ddeċidiet li ma kellux il-pussess jew detenzjoni rikjest mil-liġi:</u>**

L-ewwel Qorti irriteniet li l-attur ma kellux il-pussess jew id-detenzjoni rikjest mil-liġi għall-fini ta' azzjoni ta' spoll in kwantu d-detenzjoni li kellu kienet waħda marbuta mal-ħajja lavorattiva fid-ditta li ġiet itterminata fil-15 ta' Mejju 2015. Hija għamlet analoġija ma' sitwazzjoni fejn impjegat li jkun ġie tterminat l-impieg tiegħu ma jistax jibqa' jivvanta l-pussess li kellu fl-ambjenti tax-xogħol sussegwentement għat-terminazzjoni tal-impieg tiegħu. F'dan ir-rigward l-attur jaċċenna għall-fatt li huwa <u>ma kienx impjegat</u> mal-konvenuti (inkluż id-ditta) u li huwa dejjem kien *self-employed*, kif huma l-avukati konvenuti, u li hu u l-avukati konvenuti fil-fatt kienu jużaw numru wieħed tal-VAT. Jenfasizza li huwa kien iħallas sehmu (kwart) mill-ispejjeż tad-ditta u fl-istess ħin jirċievi sehmu (kwart) mill-profitti.

**(ii) <u>L-ewwel Qorti ddeċidiet li huwa aċċetta li ma kellux il-</u>**

**<u>pussess jew detenzjoni rikjest mil-liġi (1) – in kwantu ġabar l-oġġetti li kellu fl-ufficċju :</u>**

L-ewwel Qorti irriteniet li l-attur ma kellux il-pussess jew detenzjoni rikjest mil-liġi għall-fini ta' azzjoni ta' spoll in kwantu d-detenzjoni li kellu kienet waħda marbuta mal-ħajja lavorattiva fid-ditta li ġiet itterminata fil-15 ta' Mejju 2015; irriteniet ukoll li dan il-fatt (<u>cioe` li l-ħajja lavorattiva ġiet itterminata</u>) kien ġie aċċettat mir-rikorrent.

L-attur appellant jispjega li wara l-avvenimenti lamentati minnu huwa tramite l-avukat tal-fiduċja tiegħu beda komunikazzjonijiet mal-konvenuti sabiex jerġa' jiġi reintegrat, u meta ma waslux fi qbil, il-konvenuti kkonċedewlu li jmur jieħu r-reġistri u l-atti tiegħu u r-reġistri tan-nutara kollha li tagħhom huwa n-Nutar Konservatur, kif ukoll l-effetti personali tiegħu li kellu fuq l-iskrivanija. Jenfasizza illi huwa kellu *<u>per necessita</u>* jieħu l-atti, dokumenti u reġistri konnessi max-xogħol notarili tiegħu sabiex ikun jista' jkompli jaqdi dmiru bħala nutar.

(iii) **<u>L-ewwel Qorti ddeċidiet li huwa aċċetta li ma kellux il-pussess jew detenzjoni rikjest mil-liġi (2) – in kwantu ma għamilx tentattiv biex jidħol jaħdem fl-ambjenti in kwistjoni wara s-16 ta' Mejju 2015</u>:**

L-ewwel Qorti enfasizzat li l-attur ma għamel l-ebda tentattiv biex jidħol fl-ambjenti tad-ditta wara s-16 ta' Mejju 2015 u ma rritorna qatt għajr biex jiġbor ħwejġu professjonali u personali.

F'dan ir-rigward jaċċenna għall-fatt li huwa kien ġie infurmat mill-konvenuti li ma kellux jażżarda jersaq lejn l-uffiċini in kwistjoni, u jirreferi għall-episodju tat-18 ta' Mejju 2015 meta waqt li kien miexi fit-triq li fiha jinsabu l-uffiċini huwa ġie mhedded fil-pubbliku mill-konvenut Dr Kevin Dingli fil-preżenza fost l-oħrajn tal-konvenuti l-oħra. Jargumenta li f'tali ċirkostanzi żgur li ma kienx għaqli li huwa jażżarda jirritorna fl-ambjenti in kwistjoni.

**(iv) <u>L-ewwel Qorti ddeċidiet li ma jistax jiġi identifikat l-att spoljattiv lamentat mill-attur:</u>**

L-ewwel Qorti irriteniet li "*ma jistax jiġi identifikat l-att spoljattiv li r-rikorrent qed jallega li ssubixxa*", u "*din il-Qorti ma tista' tidentifika l-ebda aġir vjolenti jew klandestin da parti tal-intimati li bih ir-rikorrent ġie spoljat minħabba xi azzjoni fiżika da parti tal-intimati.*"

L-attur appellant jaċċenna:

(i) għall-emails mibgħuta lilu fil-15 ta' Mejju 2015 da parti ta' Dr

Kevin Dingli, fejn infurmah li għalih "kien spiċċa" u li kellu jivvaka mill-uffiċini sa fil-għaxija;

(ii) għall-sms mibgħut fis-16 ta' Mejju 2015 fejn ġie informat li l-email tiegħu u l-kont li kellu mal-Vodafone kienu tneħħewlu u li ma setax jibqa' juża aktar in-numru tal-VAT;

(iii) għall-okkażjoni tat-18 ta' Mejju 2015 meta Dr Kevin Dingli kien qallu biex ma jażżardax jersaq fl-uffiċini tad-ditta.

Isostni li dan l-aġir jikkwalifika bħala aġir spoljattiv, anke jekk mhux tramite mezzi tradizzjonali, bħal bdil ta' serratura jew il-bini ta' xi ħajt.

**(v) <u>Għalkemm l-ewwel Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-intimati, dan mhux riprodott fil-parti deċiżiva u konklussiva tas-sentenza:</u>**

Finalment jilmenta li għalkemm l-ewwel Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti (li d-ditta konvenuta ma tistax tinstab responsabbli ta' aġir spoljattiv) ma ġietx riprodotta fil-parti konklussiva tas-sentenza.

**<u>RISPOSTA tal-konvenuti appellati l-avukati Dr Kevin Francis Dingli u Dr Anthony sive Tonio Grech (29.11.2018):</u>**

5. Il-konvenuti l-avukati Dr Kevin Francis Dingli u Dr Tonio Grech wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija sostanzjalment korretta u għandha tiġi kkonfermata.

6. Huma jibdew biex jagħmlu riferenza għas-sentenza parzjali tas-26 ta' Novembru 2015 fejn l-ewwel Qorti irriteniet li:

> *"…dak li qed jitlob ir-rikorrenti ma jħalli ebda dubju għall-pretenzjoni tiegħu li jerġa' jiġi reintegrat fil-pussess jew detenzjoni tal-ambjenti fiżiċi u ammobiljati tal-uffiċini tad-ditta."*

Ifakkru li kien dwar dan l-aspett li l-attur ipprosegwa bil-kawża.

7. Jagħmlu wkoll riferenza għall-verbal tal-istess ġurnata fejn il-Qorti, wara li qrat is-sentenza parzjali talbet lid-difensur tar-rikorrent jispeċifika liema huma l-ambjenti fiżiċi li fir-rigward tagħhom kien qed jitlob ir-reintegrazzjoni, fejn huwa wieġeb "*l-uffiċini okkupati minn Dingli & Dingli Law Firm*". Għalhekk jenfasizzaw li l-pretenzjoni tal-attur tirrigwarda BISS l-ambjenti fiżiċi tad-ditta Dingli & Dingli.

8. Huma jsostnu li f'din il-kawża la rriżulta l-element tal-*possedisse* u lanqas l-element tal-i*spoliatum fuisse*.

9. Isostnu li l-pussess ġie ċedut mill-istess attur. Jgħidu li meta l-

attur telaq mill-uffiċċju huwa telaq bl-intendiment bejn il-partijiet li ma kienx ser jerġa' jirritorna. Jispjegaw li meta l-attur fil-15 ta' Mejju 2015 ġie mitlub mill-konvenut Dr Kevin Dingli biex ma jirfisx l-għatba tal-uffiċċju minn dakinhar 'il quddiem, l-attur kien ilu juri mġieba ħażina fil-konfront tal-konvenuti u ta' nies oħra fl-uffiċċju. Jenfasizzaw li kien l-attur stess li ddikjara fil-15 ta' Mejju 2015 quddiem l-avukat Grech u l-avukat Chircop li kien ser jitlaq. Jaċċennaw għall-fatt li kien hemm diversi laqgħat anke mal-avukat tal-attur stess, biex jaraw kif ser jirranġaw is-sitwazzjoni fl-aħjar interess tal-partijiet u li effettivament kien sar ftehim li l-attur kellu jmur l-uffiċċju u jieħu r-reġistri u l-atti tiegħu kollha kif ukoll dawk li huwa konservatur tagħhom, u wkoll l-oġġetti personali tiegħu. Ifakkru li wara li sar dan il-qbil, u bi ftehim bejn il-partijiet, l-attur, fit-23 ta' Mejju 2015 mar bil-ħaddiema tal-ġarr tiegħu, u akkompanjat mid-difensur tiegħu, biex jieħu d-dokumenti notarili u l-oġġetti personali tiegħu. Jenfasizzaw li meta sar dan il-ġarr ma tħalla xejn fl-imsemmi uffiċċju li kien jappartjeni lill-attur.

10. Jirrikonoxxu li l-punt fundamentali ta' din il-kawża hu jekk l-attur qabilx li jitlaq mill-uffiċċju ta' Dingli & Dingli. Isostnu li l-partijiet qablu "*to part their ways"* biex ma jibqax jinqala' inkwiet bejniethom. Jargumentaw, għalhekk, li ladarba l-attur volontarjament telaq mill-uffiċċju in kwistjoni konsapevoli tal-fatt li ma kienx ser jirritorna, u ladarba ħa l-affarijiet kollha li kellu l-uffiċċju, inkluż kull depożitu li kellu

fil-kont bankarju tad-ditta, b'mod li qata' kull relazzjoni li kellu mal-istess uffiċċju ma jistax issa jippretendi li ġie spoljat.

**RISPOSTA ta' Mary Rose Chircop u Kendrick Chircop (10.01.2019):**

11. Il-konvenuti Mary Rose Chircop u binha Kendrick Chircop wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-attur appellant. Huma jagħmlu referenza għar-risposta tal-appell tal-konvenuti Dr Kevin Dingli u Dr Tonio Grech u jagħmlu tagħhom l-argumenti mressqa minnhom.

12. Ifakkru li meta l-attur ġie infurmat li r-relazzjoni lavorattiva tiegħu intemmet huwa ddeċieda li jieħu l-oġġetti tiegħu. Jargumentaw li meta ġabar ħwejjġu mill-uffiċċju tad-ditta konvenuta huwa effettivament kien qed jirrilaxxja kull pussess jew detenzjoni li seta' kellu sa dak il-mument. Jenfasizzaw li ma jirriżultax li sar xi att spoljattiv bil-moħbi jew kontra l-volonta` tiegħu.

**ĊIRKOSTANZI LI TAW LOK GĦALL-AZZJONI ODJERNA:**

13. Fiż-żmien taċ-ċirkostanzi li taw lok għall-azzjoni odjerna (Mejju 2015) il-konvenuti l-avukati Dr Kevin Dingli, Dr Tonio Grech u Dr Carmel Chircop (flimkien ma' żewġ avukati oħra - Dr Suzanne Shaw u Dr

Vitorine Bajada - li m'humiex parti fil-kawża odjerna) kienu *partners* tad-ditta <u>Dingli & Dingli Law Firm</u>, u dan kif anke ndikat fuq is-sit elettroniku tal-istess ditta.[16] Skont l-istess sit elettroniku, l-attur, li kien jeżerċita l-professjoni notarili tiegħu mill-uffiċċju tad-ditta, ma kienx ukoll indikat bħala *partner* tad-ditta. Huwa fil-fatt kien deskritt hekk fuq is-sit elettroniku hekk:

> "*Dr Michel A Dingli LL.D. is the Notary Public in the Firm, having joined the Firm in 1992. He is the Firm's IT Manager, with responsibility for the Firm's computerisation programme and monitoring systems.*
>
> *He graduated as a Doctor of Laws (LL.D.) from the University of Malta in 1988 after having submitted a thesis on "The Concept of Inhuman and Degrading Treatment."*
>
> *He was admitted to the Notarial College in 1989 and practises as a Notary Public.*
>
> *He is a member of the College of Notaries, and is also a Member of the Notarial Council.*
>
> *He is married, with two children, and his sport is skiing."*

14. Għalkemm ma kienx *partner* mad-ditta Dingli & Dingli Law Firm – peress li ma kienx (u ma setax) jipprattika ta' avukat - kien assoċjat mad-ditta. (Dr Kevin Dingli fix-xiehda tiegħu[17] spjega li l-*partnership deed* ta' Dingli & Dingli Law Firm kienet saret formalment fid-9 ta' Mejju 2011, u d-Deloitte - organizzazzjoni li mingħandha kienu jieħdu l-pariri finanzjarji - kienet qaltilhom li ladarba l-*partnership deed* tippermetti, id-ditta Dingli & Dingli Law Firm tista' tidħol f'*association agreement* anke

[16] Vide *printouts* mis-sit elettroniku (datati 10/07/2015), fol 225 et seq
[17] Xiehda ta' Dr Kevin Dingli, 12 ta' Jannar 2017, fol 213 tergo et seq

verbali ma' professjonisti oħra.) L-attur, u l-avukati Dr Kevin Dingli u Dr Tonio Grech kellhom kull wieħed sehem ta' terz (1/3) mid-ditta, u wara li daħal l-avukat Dr Carmel Chircop fl-2013, ilkoll kellhom kwart (1/4) kull wieħed).[18] L-attur xehed li fl-aħħar tas-sena kienu jaqsmu b'mod ugwali rrispettivament mill-*warrant* li kellhom (cioe` hu *warrant* ta' nutar u t-tlieta l-oħra l-konvenuti *partners* Dr Kevin Dingli, Dr Tonio Grech u Dr Carmel Chircop, *warrant* ta' avukat). Iż-żewġ *partners* l-oħra, Dr Suzanne Shaw u Dr Vitorine Bajada, ma kellhom l-ebda sehem mid-ditta.

15. Issa l-attur kien ukoll direttur flimkien mal-avukati Dr Kevin Dingli u Dr Tonio Grech tas-soċjeta` DG Fiduciary Ltd, li hija *fiduciary company* li jagħmlu użu minnha l-klijenti ta' Dingli & Dingli Ltd[19].

16. Jirriżulta li kien ilu jeżisti diżgwid bejn l-attur iżda dan id-diżgwid laħaq il-quċċata tiegħu f'Mejju 2015.

17. L-attur fl-affidavit tiegħu spjega li l-MFSA (Malta Financial Services Authority) kienet esiġiet li s-soċjeta` DG Fiduciary Ltd tissottometti kwestjonarju b'skematika annessa fejn kellhom jiġu ndikati l-*affiliates* tas-soċjeta` DG Fiduciary Ltd (cioe` soċjetajiet u/jew assoċjazzjonijiet konnessi mas-soċjeta`). Qal li huwa kien innota li fuq l-

[18] Fil-fatt Dr Kevin Dingli fix-xiehda tiegħu ikkummenta li meta kienu qed isiru diskussjonijiet biex jidħol Dr Carmel Chircop bħala partner (u sieħeb) fid-ditta, l-attur kien jidħol għalihom għaliex "*issa minflok one third ser ikollu one fourth".*

[19] xiehda ta' Dr Tonio Grech tas-6 ta' April 2017 (fol 264 et seq)

Dr Joseph Schembri: *Sewwa, u min kienu d-diretturi (ta' DG Fiduciary) dak iż-żmien?*
Dr Tonio Grech: *Dak iż-żmien kien Dr Kevin Dingli, jiena, u n-nutar Michel Dingli.*

iskematika li kienet ġiet redatta sabiex tintbagħat lill-MFSA, id-ditta Dingli & Dingli Law Firm, bħala tali *affiliate*, kienet ġiet indikata bħala li l-*partners* tagħha huma esklussivament l-avukati Dr Kevin Dingli, l-Avukat Dr Tonio Grech, u l-Avukat Dr Carmel Chircop b'33.33% kull wieħed. Qal li dan ma kienx korrett u talab li tali informazzjoni tiġi korretta. Meta induna li tali skematika effettivament ġiet sottomessa lill-MFSA mingħajr ma ġiet korretta, huwa qabad u minn jeddu kiteb email (datata **<u>l-Ġimgħa 15 ta' Mejju 2015</u>** 09:00) lil ċertu Matthew Scicluna tal-MFSA fejn qallu:

> *"Dear Mr Scicluna,*
>
> *Please be advised that the structure chart attached to the thematic questionnaire for DG Fiduciary Ltd is NOT correct and I do not subscribe to it.*
>
> *Kind regards,*
>
> *Michel Dingli*
>
> *Dr Michel Dingli*
>
> *Notary Public Malta*

18. Huwa kkopja l-email, fost oħrajn, lil Dr Kevin Dingli, li dakinhar inzerta msiefer, u huwa pront wieġeb lill-attur (10:11) b'email li taqra hekk:

> "*Michel,*
>
> *If you really sent his email after yesterday's discussions I want to have nothing further to do with you. For me, you are finished.*
>
> *Kevin."*

19. L-attur (11:08) wieġbu hekk:

*"Kevin,*

*The structure was not discussed and it is the structure that is not correct.*

*If it is referring to the partners, then Suzanne and Vitorine were not included; they are partners after all aren't they. If it refers to the co-owners, then I was not included. I just don't want to be a part of this ambiguity. If anybody wishes to be ambiguous I have no right to stop anybody from being ambiguous, but dragging me into that ambiguity is not right.*

*One cannot by a stroke of a pen dispossess me of what is mine and if that structure refers to the co-ownership, if I sign that it means that I have assigned what was my one third share to Dr Carmel Chircop, something which I have not done. If it refers to partners, include all partners.*

*Dr Michel Dingli*

*Notary Public Malta*

20. Dr Kevin Dingli (11:12) pront reġa' wieġbu hekk:

"*Stop writing to me, and clear out of my property by this evening. I said I will have nothing to do with a character as yours."*

21. L-attur xehed li dakinhar stess huwa telaq mill-uffiċċju kmieni wara nofsinhar, u li dik kienet l-aħħar darba li daħal fl-uffiċċju minn jeddu liberament.

22. L-għada **s-Sibt 16 ta' Mejju 2015** l-avukat Dr Kevin Dingli bagħat *sms* lill-attur li taqra hekk:

*"Michel, I write only out of courtesy, following a Partners' Meeting held after your unacceptable behaviour yesterday. Please be hereby*

*informed that your email address with Dingli & Dingli Law Firm has been disconnected. Your Vodafone account is also being terminated. Please seek independent PI coverage as we shall be writing to our Underwriters to update them on developments. You may no longer use our VAT Registration Number. Finally we have written to the MFSA this morning. Kevin."*

23. Jumejn wara, **it-Tnejn, 18 ta' Mejju 2015**, l-attur kien miexi fi Triq Nofsinhar, proprju fejn jinsab l-uffiċċju tad-ditta Dingli & Dingli u raħ l-Avukat Dr Kevin Dingli. L-attur xehed li Dr Kevin Dingli b'rabja beda jgħajjru u anke jheddu li "*jekk tersaq lejn l-uffiċċju taqla' daqtejn ta' ponn".* Il-konvenut Dr Kevin Dingli ma ċaħadx li kellmu hekk, iżda spjega li ħassu pprovokat: "*Ovvjament jiddispjaċini li tkellimt hekk, it's not my character, pero` dak il-ħin veru qabiżli."*

24. L-attur irrikorra għand l-avukat tal-fiduċja tiegħu, Dr John Mizzi, u dan għamel komunikazzjoni mal-konvenuti l-avukati Dr Kevin Dingli, Dr Tonio Grech u Dr Carmel Chircop bil-għan li l-attur jerġa' jiġi reintegrat. L-avukat Mizzi pero` infurmah li l-konvenuti baqgħu bil-fehma li ma riduhx jerġa' jifforma parti mid-ditta Dingli & Dingli Law Firm jew jidħol fl-uffiċju tad-ditta. Huma pero` kkonċedewlu li jieħu l-affarijiet personali u dawk relatati mal-professjoni tiegħu mill-uffiċċju.

25. Għalhekk, **is-Sibt 23 ta' Mejju 2015**, l-attur, akkumpanjat mill-avukat tiegħu Dr Mizzi, ħa nies tal-ġarr l-uffiċċju għal dan il-għan. Dik kienet l-aħħar darba li huwa daħal fl-uffiċċju. Dr Kevin Dingli xehed li dakinhar hu, Dr Tonio Grech u Dr Carmel Chircop lanqas biss daħlu

ħdejh u ngħalqu f'kamra għalihom. Qal li l-unika ħaġa li ħalla warajh kienu xi domna u ilma mbierek li kien ġablu minn Lourdes. Dr Tonio Grech ikkonferma li l-attur ħa kollox, inkluż karikatura tiegħu stess (tal-attur) li kienet fl-uffiċċju tiegħu:

> *"U din ngħidha għax in-nutar anke l-karikatura ħa biex ma jħalli l-ebda traċċa tiegħu f'dak l-uffiċċju. Ħa kollox. Sa llum għadna ma rċevejniex talba biex nagħtuh xi file ieħor."*

26. L-attur stess ikkonferma li ħa mhux biss l-oġġetti notarili iżda wkoll l-oġġetti personali tiegħu.

## ID-DEĊIŻJONI TAL-QORTI

27. L-ewwel Qorti kkonkludiet li d-"detenzjoni" li kellu l-attur tal-uffiċċju tad-ditta Dingli & Dingli Law firm kienet marbuta mal-ħajja lavorattiva tiegħu fl-istess ditta, u li ladarba din il-ħajja lavorattiva tiegħu spiċċat (u l-attur fil-fatt aċċetta li l-ħajja lavorattiva tiegħu spiċċat) spiċċat ukoll id-detenzjoni, u għalhekk l-element tal-***possedisse*** ma rriżultalhiex. Irriteniet ukoll li ma setgħet tidentifika l-ebda aġir spoljattiv, u għalhekk l-element tal-***ispoliatum fuisse*** wkoll ma rriżultalhiex.

## L-ILMENT TAL-ATTUR APPELLANT:

28. L-attur appellant da parti tiegħu jikkritika l-analoġija li għamlet l-

ewwel Qorti dwar is-segretarja li tkun impjegata, cioe` fejn jispiċċalha l-pussess meta jispiċċa l-impieg tagħha. Jenfasizza li hu ma kienx impjegat (fil-fatt mhux ikkontestat li huwa fil-fatt ma kienx impjegat) u inoltre jargumenta li r-relazzjoni lavorattiva tiegħu ġiet itterminata unilateralment. Dwar l-aġir spoljattiv, jgħid li l-ordni biex ma jidħolx iktar fl-ambjenti ta' Dingli & Dingli Law Firm, u t-theddid li rċieva fir-rigward, jekwivalu għal aġir spoljattiv, għaliex rinfaċċjat b'tali ċirkostanzi ovvjament ma kienx ser jażżarda jidħol fl-uffiċċju. Iżid jgħid li meta fit-23 ta' Mejju 2015 mar jieħu l-atti, dokumenti u reġistri konnessi max-xogħol notarili tiegħu, dan għamlu "*per necessita*", sabiex ikun jista' jkompli jaqdi dmiru bħala nutar.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

29. Permezz taż-żewġ *emails* li l-avukat Dr Kevin Dingli bagħat lill-attur fil-15 ta' Mejju 2015, ir-relazzjoni lavorattiva li l-attur kellu mad-ditta konvenuta intemmet, anke jekk unilateralment. (Ovvjament mhux il-każ li din il-Qorti tidħol fil-kwistjoni jekk tali terminazzjoni kinitx waħda ġustifikata/leġittima jew le). Issa kieku kellu jitqies li l-pussess tal-ambjenti ta' Dingli & Dingli Law Firm li kien igawdi l-attur ma spiċċax awtomatikament ma' tali terminazzjoni unilaterali, din il-Qorti, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u speċjalment tat-theddid dirett lejh minn Dr Kevin Dingli fit-18 ta' Mejju 2015, tapprezza li ċertament kien

diffiċli għall-attur li jkompli jeżerċita l-pussess tal-ambjenti, anke jekk tali pussess ma ġiex imneħħi lilu fiżikament, bħal pereżempju permezz ta' bdil tas-serratura.

30. <u>Il-kwistjoni pero` ma spiċċatx hemm</u>. L-attur, bl-assistenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu, għamel komunikazzjoni mal-konvenuti bil-għan li jaslu fi ftehim u jerġa' jiġi reintegrat (cioe` bħala nutar fid-ditta u fl-uffiċċju tagħha), iżda inutilment. Jidher li f'dak l-istadju aċċetta, anke jekk kontra qalbu, li r-relazzjoni lavorattiva tiegħu bħala nutar mad-ditta konvenuta kienet allura intemmet u ġie miftiehem bejn il-partijiet li huwa jmur iġorr l-affarijiet mill-uffiċċju fit-23 ta' Mejju 2015; fil-fatt hekk għamel.

31. Din il-Qorti hija tal-fehma li anke kieku kellu jitqies li d-deċiżjoni li ħadu l-konvenuti li jwaqqfu lill-attur milli jkompli jaċċedi fl-ambjenti in kwistjoni (wara li unilateralment itterminaw ir-relazzjoni lavorattiva tiegħu fid-ditta) jammonta għal aġir spoljattiv, **<u>dan ġie mxejjen</u>** bil-fatt li ftit jiem wara l-attur stess ikkonċeda li l-ħajja lavorattiva tiegħu mad-ditta kienet effettivament intemmet tant li mar u ħa l-affarijiet kollha tiegħu mill-uffiċċju. Mhux verosimili l-verżjoni tiegħu li huwa ħa l-affarijiet notarili "*per necessita*", għaliex jirriżulta li fil-fatt ħa kollox (skont il-konvenuti anke l-karikatura li kellu), u dan għamlu mingħajr ebda riserva. Fil-fatt l-istess attur adirittura fir-rikors ġuramentat tiegħu ammetta li ħa mhux

biss l-oġġetti notarili, neċessarji biex ikun jista' jkompli jeżerċita l-professjoni tiegħu ta' nutar mingħajr interruzzjoni, iżda anke l-oġġetti personali tiegħu, fatt li jindika li telaq definittivament, bl-intendiment li ma jerġax jirritorna.

32. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti issib li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ċaħdet it-talbiet tal-attur.

33. Dwar l-aħħar aggravju tal-attur, u cioe` il-fatt li l-ewwel Qorti, għalkemm ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti (li d-ditta konvenuta ma tistax tinstab responsabbli ta' aġir spoljattiv) naqset li tirriproduċi tali pożizzjoni tagħha fil-parti konklussiva tas-sentenza, din il-Qorti tosserva li xorta waħda joħroġ ampjament ċar mis-sentenza li kienet qiegħda tiċħad tali eċċezzjoni u ma jistax jingħad li hemm xi ambigwita` fir-rigward. Fi kwalunkwe każ, ladarba din il-Qorti qed tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti in kwantu ċaħdet it-talbiet tal-attur, it-tielet eċċezzjoni m'għandha l-ebda rilevanza.

**Deċide**

34. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata.

35. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm